Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 265 :: ĠUNJU, 2018**

***Editur: Paul Vella***
paul.vella44@gmail.com



*Ritratt: Ray Anastasi*

# LAQGĦA TA' MEJJU

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria kellhom il-laqgħa tagħhom ta' kull xahar, fil-Librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Din kienet laqgħa ta' wara ċertu numru ta' xhur, kemm minħabba l-Ġimgħa l-Kbira u kemm minħabba ċirkostanzi oħra.

Għal din il-laqgħa, il-President, Dr Victor Sammut, stieden lil Leila, nurse li taħdem fil-klinika tiegħu, li l-familja tagħha huma minn Lebanon, biex nitkellmu flimkien u inqabblu kliem bil-Malti u bil-lingwa tagħha. Ma' Leila ġiet ukoll ommha, Samia. Paul Vella fakkar li għalkemm iż-żewġ lingwi huma semitiċi, il-Malti jinkiteb b'ittri Rumani waqt li l-lingwa l-oħra le, u tinkiteb mil-lemin għax-xellug. Leila qaltilna li l-lingwa hi simili bejn Lebaniż, Arbi u Sirjan.

Bdejna biex naraw it-taqbil bejn iż-żewġ lingwi u l-ewwel tkellimna fuq il-partijiet tal-ġisem: ras, moħħ, għonq, idejn, eċċ. Wara qabbilna l-kuluri, in-numri, il-ġranet tal-ġimgħa, verbi u affarijiet oħra.

Imbagħad, Dr Sammut qralna parti mill-poeżija ta' Ġużeppi Delia, "Tiftakar" u Leila qaltilna li fehmet kollox u li ħafna mill-kliem kien kważi l-istess.

Kellna l-qari bħas-soltu, kemm xogħol oriġinali tal-membri u kemm xogħol ta' kittieba Maltin.

John Muscat qralna poeżija tiegħu "Imriekeb". Dr Victor Sammut qralna "Wied Qirda" ta' Dun Karm u "Dar b'żewġ nisa" ta' Vic Apap. "Il-ħmar tas-sinja" ta' Patri Marjanu Vella u "Mur orqod binti" ta' Prof. Oliver Friggieri inqraw minn Michael Xuereb. George Portelli qralna "Għaliex għamel il-flus foloz" ta' Vincenzo Busuttil u "Ir-ritratt tiegħi ta' tfuliti" ta' Gorg Zammit. "Warda ħamra" ta' Iris Abela u "Il-vera paċi" ta' Jessica Calleja, inqraw minn Marie Louise Anastasi. Wara kien hemm diskussjonijiet oħra u spiċċajna b'kikkra te jew kafe` u kejks u gallettini.



***Ritratt (xellug) Samia u Leila. Ritratt (FUQ, xellug għal-lemin) (Wara): Michael Xuereb, George Portelli, Joe Bonett, Rosemary Attard, Charles Attard, John Muscat, Dr Victor Sammut, Paul Vella. (Quddiem): Marie Louise Anastasi, Salvina Vella, Leila, Samia, Doris Sammut. Ray Anastasi nieqes fir-ritratt għax din id-darba kien wara l-kamera.***

# MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

# IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **29 ta' Ġunju, 2018,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqı naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

# XOGĦOL GĦALL-PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Iż-żmien għaddej.... u l-Programm Mużiko-Letterarja qed joqrob. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Progeamm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Paul Vella, 4 Legh Street, Reservoir 3037** sa l-aħħar ta' Ġunju, biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Hemm xi membri li ġa bagħtu x-xogħlijiet tagħhom. Barra minn hekk, tkunu qed tgħinu jekk dawk li għandhom il-computer jipprovdu x-xogħol tagħhom bħala WORD file, jekk fuq disk jew dirett permezz tal-*internet* biex niffrankaw aktar xogħol, lil Paul, **paul.vella44@gmail.com**

# TAGĦRIF DWAR IS-SENSIELA NAQRAW MA'...




Din is-sensiela ta' tliet kotba għat-tfal ta' etajiet bejn il-5 snin u s-7 snin kienet ħarġet għall-ewwel darba fl-1994-97 mill-Merlin Library. Kienet kisbet suċċess u għal xi snin twal kienet tintuża f'għadd ta' skejjel. Xi sena ilu l-kumpanija AVC Publishers, skopriet dawn il-kotba u xtaqet li terġa' tippubblikahom b'mod għalkollox ġdid u b'reviżjoni u aġġornament. Issa t-tliet kotba, RENO U SARA, MARJO U LIŻA u MARK U TANJA, reġgħu ħarġu għall-bejgħ b'tibdil sostanzjali u b'disinji ta' Matt Stroud. Il-kotba huma gradati u l-kontenut marbut ħafna ma' dak li t-tfal ta' dawn l-etajiet jiltaqgħu miegħu fil-ħajja ta' kuljum.

# ID-DJARJU TA' DARBA F'SENA — *Omm Kaymee tagħmel patt*

Fid-djarju tagħha, tista' tikteb biss darba f'sena. U kull sena tagħżel dejjem l-istess ġurnata partikolari.
Fiha tesprimi l-ħsibijiet u l-osservazzjonijiet tagħha dwar dak li jkun qed jiġri matul dak il-jum, kif ukoll dwar xi ġrajjiet sinjifikanti li tkun għaddiet minnhom fil-passat, uħud li hi kburija bihom u oħrajn li xtaqet li seħħew mod ieħor. Niltaqgħu ma' mumenti ta' qtigħ il-qalb, sodisfazzjon, ferħ, niket, u sentimenti oħra li taf toffri l-ħajja. Matulhom, naraw kif omm Kaymee tipprova tgħaddi valuri importanti lil bintha matul is-snin. Fl-istess ħin, l-awtriċi tad-djarju toħloq kritika lil diversi oqsma fis-soċjetà, li jaffetwaw direttament lil kull ċittadin Malti. Liem ġurnata tagħżel l-awtriċi tad-djaru biex tikteb fih?
X'hinu eżatt dan il-patt li ilu għaddej ħdax-il sena? Kif jispiċċa? Taqbel mall-kritika tal-awtriċi?
U fuq kollox, jirnexxilha omm Kaymee tnissel f'bintha l-valuri li huma tajbin għaliha?

# DEĊIŻJONI KIF L-INGLIŻ GĦANDU JINKITEB FIL-MALTI

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ddeċieda dwar kif għandu jinkiteb il-kliem mill-Ingliż li daħal fil-Lingwa Maltija. Id-deċiżjoni se ssir uffiċjali meta tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Is-Segretarju ta' kumitat fi ħdan il-Kunsill, George Farrugia, qal li mhux se jinħarġu listi li wieħed għandu jimxi fuqhom, iżda se jiġu ppubblikati tliet prinċipji bażiċi li wieħed għandu jimxi magħhom.

Wara aktar minn għaxar snin . . . fl-aħħar hemm deċiżjoni dwar kif għandu jinkiteb il-kliem Ingliż li daħal fil-lingwa Maltija.

Dr George Farrugia f'isem il-kumitat li ħadem fuq il-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti, qal li d-deċiżjonijiet isiru uffiċjali meta jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dr Farrugia spjega li r-regola ewlenija tibqa' li meta hemm kelma bil-Malti ma tintużax il-kelma Ingliża. Pereżempju tgħid biljett u mhux ticket.

Is-Segretarju tal-Kumitat Kitba tal-Kliem Ingliż fil-Malti, George Farrugia qal ,"Meta mbagħad f'ċerti kuntesti l-kelma Maltija ma taqdikx għall-kelma Ingliża, ngħidu aħna fil-kuntest ta' kompjuter għandek bżonn tuża l-kelma chatting, tibda tfittex inti u tgħid għandek paroli, tlablib, taħdita, diskors, f'dak il-kuntest ma jaqdikx dak il-kliem għax għandek bżonn tuża l-kelma chatting, hemmhekk m'hemmx x'tagħmel, trid tuża l-kelma bl-Ingliż."

Dr Farrugia spjega, li skont ir-regoli l-ġodda, kliem iffurmat minn żewġ kelmiet jew aktar bħal windscreen, roundabout, shock absorber, microwave jew fire extinguisher għandhom jitħallew bl-Ingliż. Imma, kliem li daħal fir-regoli tal-grammatika Maltija bħal brejk, garaxx jew iċċarġja għandhom jinkitbu kif jinstemgħu.

Is-Segretarju tal-Kumitat Kitba tal-Kliem Ingliż fil-Malti, George Farrugia qal, "Ejja nieħdu eżempju; in-nom brejk tant daħal fil-Malti li anke nużaw il-plural sħiħ brejkijiet. Mela f'dan il-każ li diġà daħal fir-regoli u diġà ntaġen mas-sistema tal-grammatika Maltija hemmhekk ħa niktbu bil-Malti."

Kliem ieħor li ma integrax fil-grammatika Maltija jista' jinkiteb kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż skont l-għażla tal-kittieb. Ħafna drabi dawn huma nomi li jieħdu l-plural mill-Ingliż "s".

Is-Segretarju tal-Kumitat Kitba tal-Kliem Ingliż fil-Malti, George Farrugia qal, "Nagħmlu mod trid tikteb il-kelma ħelikopter bil-Malti, il-plural tagħha mhux ħelikoptrijiet, mela la dik ma daħlitx fis-sistema tal-plural Malti sewwa, għandek ħelikopters biss, mela għandek għażla tiktibhiex bil-Malti jew bl-Ingliż u jaħseb li jekk ħa jiktibha f'dak il-kuntest se jinftiehem xorta waħda, allura hemm jista' jiktibha bil-Malti."

Żied jgħid li hemm kliem ieħor bħal shutter, li jekk ħa jinkitbu kif jinstemgħu jaf iħawdu lill-qarrej. F'dak il-każ, Dr Farrugia qal li ġie deċiż li l-kliem bl-Ingliż m'għandux jiġi mmarkat , ħlief jekk il-kitba tkun għal tfal fl-ewwel klassijiet tal-primarja.

Dr Farrugia qal li bħalissa qed isir ħafna xogħol qabel jiġu stampati "Deċiżjonijiet 2". Qal li mhux se jidħlu fis-seħħ mil-lum għal għada imma se jkun hemm perjodu, li jista' jkun anke ta' snin, biex dawn id-deċiżjonijiet jindraw.

***Rapport miktub minn Ruth Castillo għall-aħbarijiet ta' TVM.***

# JIEN BĦALEK DIFFERENTI

Jerome huwa żagħżugħ ta' sittax-il sena. Jgħix mal-familja tiegħu, jattendi l-iskola, kultant joħroġ u jħobb jisma' l-mużika. Jieħu gost iqatta' l-ħin ma' sħabu, u anki mal-membri tal-familja tiegħu. Bħalna.

Jerome għandu diversi diżabiltajiet. Minħabba fihom, huwa jiddependi minn ħafna nies, biex jagħmel dak li ħaddieħor jagħmel bla ma jaħsibha darbtejn. F'dan il-ktieb, Jerome se jirrakkonta minn xiex jgħaddi fil-ħajja kwotidjana tiegħu, speċjalment fl-iskola (Ċentru ta' Riżorsi, kif issa saru magħrufa). Din l-iskola differenti minn oħrajn, għax l-ewwel nett fiha inqas studenti, u inqas popolazzjoni f'kull klassi . Hemm iktar LSA biex jassistu l-istudenti u anki l-ħinijiet huma differenti minn ta' skejjel oħra. It-tipi ta' lezzjonijiet jinvolvu s-sensi kollha tal-istudenti għalhekk il-metodu ta' tagħlim jissejjaħ 'multisensory'. Kontra ta' dak li jaħsbu ħafna, Jerome jitgħallem ħafna suġġetti, u jieħu gost imur hemm, għax jaqta' mill-ambjent tad-dar. Però hemm xi aspetti mill-iskola li kieku hu kellu vuċi, u kieku ħaddieħor kien jisma', żgur kien jibdel.

Il-ktieb jeħodna wkoll fid-dar ta' Jerome. Id-dedikazzjoni u l-imħabba li l-omm u n-nanniet għandhom lejn Jerome huma bla kundizzjonijiet. Imma mhux kull membru tal-familja iġib ruħu hekk ma' Jerome. Ir-raġuni ta' ċertu antagoniżmu, speċjalment minn membru partikolari tal-familja, toħroġ bis-saħħa ta' ċertu mistoqsijiet u kummenti benevolenti ta' persuna barranija.

Jerome iġib lill-qarrej wiċċ imb wiċċ ma' diffikultajiet li jgħaddi minnhom minħabba nuqqas ta' ħsieb tas-soċjetà. Daqqa ma' jistax jgħaddi minn fuq bankina, daqqa ma' jistax jaċċessa ħwienet u kumplessi ta' divertiment minħabba nuqqas ta' rampa, jew rampa mhix adattata, drabi oħra ma' jistax juża' transport pubbliku. Biex joħroġ, irid jipprepara minn sigħat qabel biex jilqa' għal dawn il-problemi imprevisti li llum, fis-sena 2016, f'pajjiżna, lanqas messhom jeżistu!

F'kulI episodju li Jerome jirrakkonta, il-qarrej jista' jħoss l-emozzjonijiet; it-tbatija, il-ferħ, id-diżappunt, ir-rabja u s-sorpriżi, daqslikieku qed jgħaddi minnhom hu. Ktieb adattat mhux biss għal min għandu diżabiltà, għal min jaf jew jaħdem magħhom, imma għal min irid jifhem iktar minn xiex jgħaddu dawn in-nies, iħoss li għandu kuxjenza soċjali u jixtieq jagħti l-parti tiegħu biex jieqfu l- inġustizzji msemmija.

Jien Bħalek Differenti huwa adattat għall-adoloxxenti u adulti, speċjalment min għandu għal qalbu d-drittijiet ta' nies b'diżabiltà. Dan il-ktieb kien finalist mal-aħħar ħamsa għal Premju Nazzjonali tar-rumanz tas-sena.

# KONVOJ — *ta' Michael Cini* (kitba ta' Amanda Busuttil)



**Michael Cini**



**Amanda Busuttil**

Ir-Rumanz Malti tassew qiegħed ikompli jarrikkixxi dak li għandna nieħdu ħsieb għal dejjem u nippreservaw, il-kultura tagħna, l-identità nazzjonali u fuq kollox l-Istorja li sawritna f'dak li aħna llum, riżultat ta' x'ħallew fina u f'artna missirijietna. Ma nixba' qatt insostni kemm hawn kittieba Maltin iddedikati u serji fil-kitba u kemm ħaqqhom kull apprezzament. Jekk taqbad f'idejk il-ktieb 'Konvoj' ta' Michael Cini tindunaw li għandi raġun.

Cini analizza b'riċerka intensiva l-epoka meta l-Konvoj ta' Santa Marija daħal f'Malta u minn din il-ġrajja f'għeluq il-75 sena, bena storja fantastika fuq tfajla Maltija jisimha Marija, li hija n-narratur prinċipali, li tgħaddi minn esperjenza li tmiss l-emozzjonijiet tal-qarrej. Hija tirrakkonta din il-ġrajja sigrieta tagħha lin-neputi, imma mhux sempliċiment tirrakkontaha fl-imgħoddi... Il-qarrej b'sengħa kbira jiftaħ ir-rumanz billi nassistu għaż-żerniq tal-vjaġġ straordinarju, b'introduzzjoni żgħira fil-preżent u f'salt wieħed qisna ninsabu f'film, Marija teħodna f'Malta tal-1935!

Marija jeħtiġilha titla' l-Iskozja ma' familtha, tiltaqa' ma' ġuvni jismu James u peress li tħoss in-nuqqas kbir ta' għiritha, fl-estasi tal-imħabba li nibtet bejniethom, bi qlubija kbira jiddeċiedu li jistaħbew b'riskju kbir fl-Ohio, biex f'Malta jibnu familja, dan il-vapur kbir tal-merkanzija li kien ġej Malta bħala l-uniku mezz ta' salvazzjoni mgħobbi b'kull tip ta' ġid biex il-gżira u niesha jsalvaw fiż-żmien iebes u traġiku tal-gwerra. Il-ktieb miżgħud b'dettalji tal-iskorta militari, bil-mappa tar-rotta ġenerali u kemm saru mwiet, dettalji fuq l-air craft carriers, il-battleships, il-cruisers, id-destroyers, tankers eċċ. u dan kollu jixhed kemm ir-riċerka saret b'intensità. Il-ktieb miktub f'sitt taqsimiet li jġibu din l-istorja tal-gwerra bl-esperjenza li għexet Marija u dak li seħħ verament fil-Mediterran, imbagħad il-kittieb jiddedika parti b'sitt taqsimiet żgħar biex nerġgħu nisimgħu lil Marija bħala 'n-nanna' li qed tgħid x'sar minnha meta ġiet Malta...li fihom titqabbel mal-Madonna li tant għenitha u bħalha tgħaddi mill-esperjenza tat-tqala barra ż-żwieġ u l-familji Maltin stkerrħuha għax kienu jemmnu li tfajla hekk, iġġib saħta fil-familja. Frenċ, żagħżugħ li jieħu grazzja magħha, jingħata xebh ma' San Ġużepp u meta taqraw ir-rumanz taraw għaliex...

Wara l-maltemp jiġi l-bnazzi. Marija ssib ġenna tal-art fl-għelieqi ta' Frenċ. Il-kittieb isawwar ambjent tassew ħelu ta' Malta tal-imgħoddi u juża kliem mill-għalqa lessikali folkloristika ta' kif kien isir il-ġobon f'dak iż-żmien skont it-tradizzjoni. Naraw kliem bħal 'maħleb', 'baqta', 'qwieleb tas-simar', 'xorrox', 'qanniċ', 'filoxx'.

Insibu wkoll xi ritratti li jkomplu jdaħħluna fl-atmosfera tal-ġrajja. Min tassew għandu għal qalbu l-Istorja tagħna u l-imħabba lejn ir-Rumanz Malti, mela l-ktieb 'Konvoj' għandu jsib postu fil-librerija ta' darek biex tibda taqrah u min jaf...ħaqqu jinħadem ukoll fiċ-ċinema lokali għax hija ġrajja mimlija b'azzjoni, qlubija u vitorja ta' niesna stess!

# PALK ĦIELES

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 2018, Inizjamed organizzat l-erbgħa u għoxrin Palk Ħieles tagħha. U din id-darba marret fil-qalba tal-istudenti; fil-post fejn l-istudenti jistudjaw u jiċċajtaw u jaqraw u jiktbu wkoll. Din id-darba l-Palk Ħieles sar fil-Junior College, l-Imsida, bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti u l-Ingliż.

Bla dubju, il-mistiedna speċjali kienu l-istudenti nfushom. Dawk li għadhom jattendu u anke dawk li spiċċaw. Il-letturi ġew imħeġġin jaqraw xogħolhom u l-pubbliku ġenerali wkoll. Dan kollu fl-ispazju l-ġdid iddedikat għall-arti: Venue18. Kollha kienu mistiednin biex jaqraw, jisimgħu, jgħidu storja, jgħidu ċajta, idoqqu jew ikantaw. Huma setgħu jaqraw xi poeżija, storja, reċta, ikantaw, jew kull ħaġa oħra li huma jħossu li hija artistika u ta' quddiem in-nies. Kull djalett, kull lingwa, kull stil, kienu mhux biss aċċettati imma milqugħa b'idejna t-tnejn. L-ispazju tagħhom!

Din l-attività kienet bla ħlas. Dan il-palk ħieles kien ippreżentat minn żagħżugħ student tal-JC..

# RITRATTI BLA ĦSIEB — *Lorraine Galea*

F'Ritratti bla Ħsieb, l-awtriċi, Lorraine Galea, tkompli titkellem fuq is-suġġett tal-ibuljar, kif għamlet fil-ktieb ta' qablu, Buli, imma din id-darba l-ibbuljar isir fuq l-internet, fenomenu li hu magħruf bħala cyberbullying. Waqt li Buli huwa adattat għal adoloxxenti minn 10 snin 'il fuq, u min jieħu ħsiebhom, Ritratti bla Ħsieb huwa maħsub għal qarrejja iktar matura.

L-istorja teħodna lura fis-snin meta l-protagonista, Nicole, kienet fl-ewwel sena tal-iskola sekondarja. Naraw li kienet tkun ibbuljata minn grupp ta' tfajliet sena ikbar minnha. Kienu jinkuha minħabba li kienet qasira, għax kienet kwieta, għax kellha n-nuċċali, għax ma kellhiex namrat u għax ma kellhiex Facebook. Biex tikkomplika l-istorja, il-ġenituri ta' Nicole kienu kbar fl-età għalhekk kien hemm differenza bejn il-ħsibijiet tagħhom u dak li xtaqet tagħmel Nicole biex l-istil ta' ħajjitha jkun jixbah iktar lil dak ta' sħabha.

Meta Nicole tasal fl-aħħar sena tas-sekondarja tieħu r-ruħ għax 'l-oħrajn', kif inhuma magħrufa fil-ktieb, ikunu spiċċaw mill-iskola, imma tmur imqarrqa, għax xorta jaqbdu magħha barra mill-iskola. Sadanittant, flimkien mal-ħabiba tal-qalb tagħha, Elenya, Nicole tkun sabet grupp ta' ħbieb u anki għarus, Aidan, li jkun jidher tal-affari tiegħu. Imma darba, Nicole u Aidan jagħmlu żball, li minħabba fih ir-relazzjoni tagħhom tieħu żvolta differenti. L-ibbuljar jinbidel u jsir fuq l-internet, u jkun hemm bżonn l-intervent tal-pulizija. Il-karattru ta' Nicole jinbidel mil-lejl għan-nhar...

Jirnexxilhom isalvaw ir-relazzjoni tagħhom Aidan u Nicole?

Elenya u Nicole jibqgħu ħbieb?

Il-ġenituri ta' Nicole ibiddlu fehemthom?

Jirnexxilha Nicole issir iktar assertiva?



## What's in a tradition: constructions, practices, policies and other trajectories



Nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 2018, fis-6.00pm, Dr Virginia Monteforte għamlet taħdita bl-Ingliż fis-sensiela dwar It-Tradizzjoni Orali, L-Università ta' Malta, bit-tema, "What's in a tradition: constructions, practices, polices and other trajectories." Din it-taħdita kienet miftuħa għal kulħadd u saret fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti il-bini tal-Università ta' Malta f'Tal-Qroqq.

Waqt it-taħdita issemmgħew rikordings ta' Ġużè Cassar Pullicino jitkellem dwar x'inhu l-folklor u jaqra għanjiet popolari Maltin fil-forma ta' kwartini. Ħajr lill-Klabb Kotba Maltin u lis-Sur Joseph Mizzi tal-għajnuna tagħhom.

***Ritratt ta' Ġużè Cassar Pullicino fil-Librerija tal-Università ta' Malta (lemin)***
***Dr Virginia Monteforte (Detail from a photo by Marta Lombardi) (Xellug)***

**Il-laqgħa li tmiss tkun il-Ġimgħa, 29 ta' Ġunju fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm**

**TINSEWX LI L-MATERJAL GĦALL-PROGRAMM MUŻIKO LETTERARJU JRID JASAL GĦANDNA SA L-AĦĦAR TA' ĠUNJU**

## *X'Jiktbulna...*

Għażiż Paul, Niżżikħajr għall-aħħar ħarġa tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija li bħas-soltu sibtu tassew interessanti għaliex juri l-ħajja letterarja tal-Maltin f'dinja wisq usa' minn Malta. Nawguralek aktar ħidma siewja bħal din li sseddaq ir-rabta bejn il-Maltin huma fejn huma, u dejjem permezz tat-tħaddim mirqum tal-kelma li dejjem għaqqditna, il-kelma Maltija. Insellimlek u nawguralek, u narġa' nirringrazzjak. Il-ħidma tiegħek hi ferm apprezzata.

***Prof. Oliver Friggieri***

Kemm xogħol għażiż Paul, grazzi, napprezza. Imħeġġin iktar intkom l-imbegħda minn ħafna minna tal-post. Jidher li marret tajba x-xiwja li kellkom, iżda kollha tampari ħlief waħda jekk rajt sewwa. Hawn naħseb ħakmu l-jiem sajfin u ħlief għal xi żelqa ċkejkna, naħseb hekk ser nibqgħu sa ninħmew fis-sajf.
Nittama li dan isibek u lill-għeżież tajbin.
Grazzi mill-ġdid, shur.

***Mario Tabone-Vassallo***

Għażiż Paul, Grazzi tal-appoġġ tagħkom ħbieb. Tislijiet,

***Charles Casha***

Għażiż Paul, Dejjem nixtieqlek saħħa, paċi u ġid. Irċevejt il-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar ta' Mejju. Laqatni minn kull aspett. Bħal Folji l-oħra ta' qablu, ħallieli impressjoni tajba. Inselli dejjem għalik u għall-kollegi tiegħek. B'imħabba,

***Mario Griscti***

Għażiż Paul, grazzi ħafna tal-Folju li bgħattli u grazzi wkoll talli għoġbok iddaħħal il-press release fuq it-tliet kotba tiegħi.
Inselli ħafna għalik.

***Charles Daniel Saliba***

Għażiż Paul, l-ewwelnett nirringrazzjak talli fuq il-folju ġibt reċensjoni dwar il-ktieb tiegħi "Fuq Din l-Art Ħelwa" miktuba minn Amanda Busuttil. It-tieni nixtieq ngħidlek proset tal-folju li bħal dejjem huwa mimli informazzjoni dwar il-kotba li ħarġu f'Malta u kitbiet oħra ta' interess. Nammira l-ħeġġa u l-konsistenza tiegħek fil-publikazzjoni ta' dan il-folju (kif ukoll f'xogħol ieħor fuq ir-radju). Inħoss li għandi nirringrazzjak ta' dan is-servizz li int qed tagħti lilna lkoll. Sliem

***Manuel Attard-Cassar***

Għażiż Paul, Inroddlok ħajr għall-Folju. Ħadt gost ħafna naqrah bħas-soltu imma b'mod speċjali dwar xi kotba Maltin u t-tagħrif dwar il-Prof. Guze` Aquilina. Keep it up u mill-ġdid grazzi waqt li nifirħilkom li bqajtu għaddejjin bl-imħabba tagħkom għall-Ilsien Malti. Tislijiet,

***Harry Zammit-Cordina***

Għażiż Paul, Ħajr minn qalbi tat-tagħrif li ppubblikajt dwar ir-rumanz tiegħi Il-Kmandament Numru Ħdax - ħobb lill-ambjent. Nittama li bis-saħħa tiegħu jirnexxili nsalva mqar ħarruba waħda jew xitla mqar waħda biss, jew biċċa xagħra jirnexxilha taħrab il-ħars tal-ispekulatur! Malta tagħna ċkejkna wisq u kull fejn jitbiddel, jitbiddel darba għal dejjem u ma tista' qatt treġġgħu lura kif żviluppatu Ommna n-Natura matul is-sekli. L-art li jhereż l-ispekulatur ibiddilha fi flus imma tinqered mill-art naturali għax minn xagħra ssir żvilupp. Uliedna żgur mhux sa jaħfruhielna jaraw illi ħlejnilhom kull nitfa natura li kellna, suppost nieħdu ħsieb u napprezzaw aħjar. Malta mhux bla qies bħalma nistħajjel li hi l-Awstralja: kull fejn nitilfu m'għandniex aktar bħalu. Jalla nitgħallmu nsibu l-bilanċ aħjar u kull min iqum filgħodu jittrombja għal wesgħat żgħar ta' ħamrija jew blat li jista' jdawwar fi flus, jibda jħoss il-ħtieġa li jħobb lill-Ħolqien! Jalla! Tislijiet u awguri lilek u lil familtek - kif ukoll lil dawk sħabek tal-Grupp Letterarju. M'għandekx idea kemm nifraħ nara dawk il-laqgħat imqar għall-BBQ!!! Tislijiet

***Paul P. Borg***